# IL-BIBBJA U T-TALB MINGĦAJR WAQFIEN

Minn
George Ebejer

# “ITOLBU BLA HEDA”
# (Rumani 12:12; 1 Tessalonikin 5:17)

Mill-bidu, Alla ikkomunika man-nies. “*Alla hu mħabba*” (1 Ġwanni 4:8), u l-umanità hija l-ħolqien tiegħu. Interess fina huwa parti tan-natura Tiegħu, għalhekk li jikkomunika magħna huwa importanti Għalih. U għaliex aħna l-ħolqien Tiegħu, li nisimgħu minn għandu huwa essenzjali għalina. Hu kiteb il-kliem Tiegħu għalina fil-Bibbja Mqaddsa (2 Timotju 3:16-17; 2 Pietru 1:3, 20-21; Ġuda 3).

Il-parti tal-Bibbja tat-Testment il-Ġdid tgħidilna kif għandna nkunu salvi mid-dnub u l-kastig ta’ dejjem. Aħna għandna nemmnu fi Kristu (Ġwanni 8:24), nindmu mid-dnubiet (Atti 17:30), nistqarru li Ġesù Hu l-Kristu, l-Iben ta’ Alla (Mattew 16:16; Rumani 10:9-10), u nkunu mgħaddsa fl-ilma (mgħamm-din) għall-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38; 8:36-38; 22:16; Rum-ani 6:3-5). Dan jagħmilna membri tal-Knisja tiegħu (Mattew 16:18; Atti 2:41-47; Rumani 16:16). Aħna nitgħallmu wkoll kif nogħġbu lil Alla permezz tal-ħajja Kristjana (Galatin 5:22-25). Dan it-tagħlim minn Alla ġie permezz ta’ Kristu (Ġwanni 8:28) u bl-appost-li Tiegħu (Ġwanni 16:13; 2 Pietru 1:2-3; 3:1-2).

Hekk ukoll, sa mill-bidu, in-nies kelmu lil Alla wie-ħed u veru. Ir-riżultati juru l-benefiċji (Ġenesi 4:26; 20:17; Eżodu 15:24-25; Numri 11:2; Imħallfin 6:39-40; 1 Samwel 1:27; 1 Slaten 9:3; Luqa 1:13; 6:12; Atti 1:14; 12:5). Ġesù għallem lid-dixxipli Tiegħu dwar li jitolbu lil Alla (Mattew 6:5-15; 21:22; Mark 11:24-26; Luqa 18:1-14).

Aħna, bħala Kristjani, nistgħu nikkomunikaw ma' Alla permezz tat-talb. Ħafna nies jifhmu ħażin it-talb, imma l-Bibbja tgħidilna x'neħtieġu li nkunu nafu dwaru.

## IT-TALB HUWA ĦTIEĠA

Il-kmand biex nitolbu huwa ċar ħafna u abbundanti (Efesin 6:18; Filippin 4:6; 1 Timotju 2:8; 1 Tessalonikin 5:17; Ġakbu 5:16). It-talb għandu jkun skond ir-rieda ta' Alla (1 Ġwanni 5:14), u dan għandu jsir fil-fidi (Ġakbu 1:6).

It-talb huwa l-ingredjent prinċipali tar-relazzjoni tal-bniedem għal Alla. Alla ħalaqna fuq ix-xbieha tiegħu (Ġenesi 1:26-27). Aktar ta' siwi, bħala Kristjani, Hu għamilna mill-ġdid fix-xbieha ta' Ibnu (Rumani 8:28-30; 2 Korintin 3:17-18). Minħabba dawn il-karatteris-tiċi komuni (ta' xulxin), komunikazzjoni ma' Alla hija neċessarja għall-kuntentizza tagħna. Ukoll, Alla jikk-manda lill-Kristjani biex jitolbu:

> "*Ifirħu bit-tama, stabru fil-hemm, itolbu bla waqfien*" (Rumani 12:12).
>
> "*Titolbu dejjem fl-Ispirtu b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu bil-qalb għall-ħtiġijiet tal-qaddisin kollha*" (Efesin 6:18).
>
> "K*omplu fit-talb, u ishru fih b'radd il-ħajr*" (Kolossin 4:2).

It-talb tagħna għandu jkun spiritwali, bis-serjetà, kollu ħrara u ta' ringrazzjament (Ġwanni 4:24; Kolossin 3:17). Ukoll, fit-talb tagħna aħna għandna nonoraw lil Alla (Ġwanni 5:23; Rumani 1:20-25), nibżgħu Minnu (Ekkleżjażti 8:12; 1 Pietru 2:17), u nħobbuh (Mark 12: 30; Rumani 8:28). It-talb huwa parti mill-qima tagħna lil Alla u komunikazzjoni Miegħu. It-talb iberikna u jogħġob lil Alla.

## IT-TALB JISTA' MA JKUNX IMWIEĠEB KIF NIPPRETENDU AĦNA

Alla jaf il-ħwejjeġ kollha, jaf kollox (Salm 147:5; Lhud 4:13; 1 Ġwanni 3:20). Il-ħsibijiet tiegħu u l-modi Tiegħu huma wisq ogħla minn tagħna. Alla jgħid hekk dwar dan permezz tal-profeta Isaija:

> "*Għax ħsibijiet mhumiex ħsibijiet-kom, u lanqas triqati m'huma triqat-kom, igħid il-Mulej. Għax bħalma s-smewwiet huma ogħla mill-art, hekk triqati huma ogħola minn triq-atkom, u ħsibijieti minn ħsibijietkom*" (Isaija 55: 8-9).

Alla għandu pjan, u skop etern (Efesin 1:9; 3:11). Għalhekk, it-talb tagħna jista' ma jkunx imwieġeb fil-ħin u bil-mod li aħna nippretendu li jkun imwieġeb. Alla jagħmel żgur li l-ħwejjeġ kollha jiġru skond l-għarfien Tiegħu, skond il-modi Tiegħu, u skond l-iskop Tiegħu (Isaija 46:9-10; Mattew 10:29-30). Xi drabi aħna nid-dubitaw f'Alla u ngħidu li Alla mhux qiegħed jisma' t-talb tagħna. Dan ikun għaliex aħna ninsew dak kollu li

Alla tana u naħsbu biss fuq dak l-oġġett wieħed li aħna nitolbuh u ma niks-buħx mill-ewwel. Alla xi kultant ikun għall-bniedem qisu marbut bi spaga u x'ħin ikollna bżonnu niġbdulu l-ispaga u nitolbuh dak li nkunu rridu, u nippretendu li jismagħna f'dak il-waqt u kif irridu aħna. Jekk ma naqilgħux dak li nkunu tlabna nibdew niddubi-taw u ngħidu li Alla mhux qiegħed jisma' t-talba tagħna! Ninsew li għandna saqaf fuq rasna fejn nistkennu, nin-sew li għandna x'nieklu u fejn norqdu. Ninsew li ninsabu f'saħħitna (għalkemm xi wħud jippretendu li ma jin-qalalhom xejn fil-ħajja tagħhom), u ninsew li Alla tana l-akbar rigal li qatt wieħed jista' jagħti, lil Ibnu stess biex imut għalina u jsalvana. Kemm nirringrazzjaw ta' dan! Dawn il-ħwejjeġ kollha u ħafna oħrajn bħalhom aħna ninsewhom u jekk Alla ma jismgħax xi talba li aħna nitolbuh, allura ħallina ngħidu li Alla mhuwiex qiegħed jisma' t-talb tagħna! Imma ħalli naraw xi eżempji mill-Kelma ta' Alla ħalli jekk aħna xi drabi nagħmlu hekk, jiġifieri, niddubitaw f'Alla jekk qiegħedx jismagħna jew le, inneħħu kull dubju minn moħħna.

Mattew 26:39 huwa probabbilment l-akbar u l-aqwa eżempju ta' dan. Mattew jgħidilna dan dwar Ġesù:

> "*Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet wiċċu fl-art jitlob, u qal: 'Missier, jekk jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi! **Imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid int**.*"

Ġesù talab għall-ħelsien mit-tbatija li kienet ġejja Fuqu, madan-kollu, issottometta Lilu nnifsu għar-rieda tal-

Missier (Filippin 2:5-8; Rumani 8:35-37; Lhud 5:9). Dan kien l-aktar importanti. Xi kultant aħna ma nkunux lesti li nissottomettu lilna nfusna għar-rieda tal-Missier imma nkunu rridu li Alla jisma' t-talb tagħna kif irriduh aħna, x'ħin irriduh aħna, u mhux kif irid Hu! Jekk ma naqil-għux dak li nitolbu, allura ngħidu li Alla mhux qiegħed jismagħna! Ġesù bata, miet, kien imqajjem għall-ħajja, u l-iskop ta' Alla kompla. Dan għamel is-salvazzjoni disponibbli għall-bnedmin kollha, irġiel u nisa (Rumani 5:6-8; 2 Korintin 5:14-21). Kristu kien minn Alla u kien jaf lil Alla (Mattew 11:27; Ġwanni 1:1-18). Aħna m'għa-ndniex nippretendu aktar mill-Missier milli ppretenda Kristu. Ġesù Kristu Hu l-eżempju tagħna u aħna għan-dna dejjem nitolbu lir-rieda ta' Alla u mhux tagħna tkun magħ-mula fuq kull ħaġa oħra!

It-tieni eżempju hu dak ta' Mosè. It-talb ta' Mosè kien miċħud meta hu ried li jara l-glorja sħiħa ta' Alla (Eżodu 33:18-20) u ried li jidħol fl-art ta' Kangħan (Dewtero-nomju 3:23-28). Mosè ma qalx li Alla mhuwiex qiegħed jisma' t-talb tiegħu imma baxxa rasu għar-rieda ta' Alla. Huwa kellu fiduċja sħiħa f'Alla u kien jaf li għalkemm Alla ma taħx dak li talab dik kienet ir-rieda ta' Alla!

It-tielet eżempju hu dak ta' Samwel. Samwel ma kienx kuntent li Iżrael ried sultan, għalhekk talab lil Alla dwar dan. Imma Alla qal lil Samwel biex iħallihom ikoll-hom sultan (1 Samwel 8:4-7). Samwel aċċetta r-rieda ta' Alla mingħajr ebda dubju. Hu umilja lilu nnifsu u ħalla f'idejn Alla!

Ir-raba' eżempju hu dak ta' David. David talab lil Alla biex ifejjaqlu lil ibnu, imma t-tifel miet (2 Samwel 12: 13-23). Imma-ġina aħna kieku jiġrilna hekk kemm ngħidu li Alla abbandunana u ma tax widen għat-talba tagħna! Forsi jkun hemm ukoll min jasal biex iwarrbu u jgħid li Alla ma jeżistix!

Il-ħames eżempju hu dak ta' Ġona. Ġona qal lil Alla li hu ried li jmut. Minflok ma miet, Alla għallmu dwar l-imħabba tiegħu għan-nies kollha (Ġona 4:1-11).

Is-sitt eżempju hu dak ta' l-appostlu Pawlu. Pawlu bata minn uġigħ (xewka f'ġismu) u talab lil Alla biex jeħilsu minnu (2 Korintin 12:7-10). Minflok ma ħelsu minn dan l-uġigħ, Alla tah is-saħħa biex jissapporti. Mhux talli Pawlu ma ddubitax f'Alla imma bata u għamel ħafna sagrifiċċji għal Alla. (ara 2 Korintin 1:8-11; 6:3-10; 11:21-33). Imma naqraw fit-2 Korintin 12:8-9 dwar ix-xewka li kellu Pawlu,

> "*Fuq hekk tliet darbiet tlabt il-Mulej biex hi titbiegħed minni. Iżda hu weġibni: Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef.*"

Pawlu ma qalx x'kienet ix-xewka f'ġismu, jista' jkun li din kienet xi marda fiżika għaliex f'Galatin 4:13 Pawlu jgħid:

> "*Tafu li minħabba marda tal-ġisem xandartilkom l-ewwel darba l-evanġelju.*"

Għalhekk huwa possibbli li r-riferenza f'Galatin hija identika max-xewka fil-ġisem. L-importanti, iżda, mhuwiex li nidentifikaw x'kienet il-marda jew ix-

xewka imma l-mod li bih Pawlu ttrattaha. L-ewwel reazzjoni tiegħu kienet li jitlob lil Alla. Il-Bibbja tgħidilna li hu talab tliet darbiet. L-esperjenza ta' Pawlu hawn hija l-istess bħal dik ta' Ġesù f'Ġetsemani. It-tnejn talbu tliet darbiet biex ikunu meħlusa mit-tbatija kbira, imma fl-ebda wieħed mat-talba speċifika ma kienet milquha; imma l-Bibbja tgħidilna ċar li Alla sema' ż-żewġ talbiet, u aħna nafu li Hu ta s-saħħa lit-tnejn li kienet egwali skond it-tiġrib li kien hemm (Lhud 5:7; Dewteronomju 33:25; Filippin 4:19).

Bla dubju Alla jwieġeb ħafna mit-talb tagħna fil-mod li jara li huwa l-aħjar għalina u li jsegwi r-rieda Tiegħu u l-iskopijiet Tiegħu. Mhux sewwa li aħna nifformu-law metodi u modi li fihom aħna nkunu nixtiequ lil Alla biex iwieġeb u jagħtina dak li nitolbuh. Aħna għandna nagħmlu t-talbiet tagħna lil Alla u nħalluh iwieġeb kif irid Hu. Fil-agħma tagħna u nuqqas ta' fidi spiss aħna naħsbu li Alla ma semgħax it-talb tagħna, meta Hu jkun berikna wisq aktar milli nkunu tlabna!

L-interess kollu ta' Pawlu kien li jagħmel ir-rieda ta' Alla, u meta sab x'kienet ir-rieda, hu kompla fiha, kien x'kien il-prezz. Għandu jkun osservat li Pawlu ma qalx li Alla mhux qiegħed jismagħni, għal kuntrarju, hu qal,

> "*Mela bil-qalb kollha nitgħaxxaq bid-debbulizzi tiegħi, bit-tagħjir, bil-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq min-ħabba Kristu: għax meta nkun dgħajjef, inkun qawwi.*"

Kemm aħna nitgħaxxqu bit-tagħjir, bil-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq minħabba Kristu? Nitgħaxxqu jew nibdew niddubitaw u ngħidu li Alla mhux qiegħed jisma' t-talb tagħna?

Il-Mulej ma laqax it-talba ta' Pawlu imma qallu li kienet "*biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi*." Pawlu kien magħmul biex jifhem li "x-xewka fil-ġisem" kellha tibqa' hemm, imma flimkien ma' dan huwa rċieva l-assigurazzjoni ta' mħabba kbira u għajnuna mill-Mulej. Hu ma kienx jista' jitlob aktar għat-tneħħija tax-xewka—kienet ir-rieda tal-Mulej li hu jissottometti għaliha biex b'hekk jikseb il-premju ta' Alla.

Alla ta dik il-grazzja lilna wkoll imma m'aħniex lesti li dik il-grazzja tkun biżżejjed għalina, irridu li Alla jisma' u jagħti widen għal kull talba li aħna nitolbuh, inkella ngħidu li Hu mhuwiex qiegħed jisma' t-talb tagħna!

Alla jara kollox u jaf x'inhu l-aħjar. Hu jgħin lil dawk li jridu jaqduh (Proverbji 2:7-8; Salm 11), u jagħmel kollox għalina bl-imħabba. Il-Kelma ta' Alla tgħidilna dan:

> "*Għax il-Mulej iwiddeb lil min iħobb, jolqot lil kull min jilqa' b'ibnu. Hu għal l-edukazzjoni tagħkom li intom qegħ-din tbatu. Alla qiegħed jimxi magħkom ta' ulied. Min hu dak l-iben li missieru ma jwiddbux?*" (Lhud 12:6-7).

Ukoll jekk aħna dan ma nagħrfuhx. Għalhekk, m'għand-niex nippretendu li Hu jagħtina dak kollu li

aħna nitolbuh u jwieġeb it-talb tagħna kollu kif nixtiequh aħna li jwieġeb!

## IT-TALB FIH TAMA U FARAĠ

Kristu qal biex nitolbu għaliex il-ġisem huwa dgħajjef (Mattew 26:41). It-talb iġibilna serħan fiżiku, spiritwali, u emozzjonali, u saħħa. It-talb jgħinna nikkontrollaw id-dgħufijiet jew debbulizzi tagħna. Ġesù għallimna wkoll li persistenza fit-talb hija effettiva (Luqa 18:1-8);

> "*It-talba tal-bniedem ġust magħmula bil-ħerqa għandha qawwa kbira*" (Ġakbu 5:16).

Alla definittivament iwieġeb it-talb tal-Kristjani fidili skond ir-rieda Tiegħu. Ġwanni jgħidilna hekk dwar dan:

> "*U kull ma nitolbu naqilgħuh minn għandu, għax qegħdin inżommu l-kmandamenti tiegħu u nagħmlu dak li jogħġob lilu*" (1 Ġwanni 3: 22).

> "*Din hi l-fiduċja sħiħa li għandna fih, li jekk nitolbu xi ħaġa skond ir-rieda tiegħu, hu jismagħna. U ladarba nafu li hu jismagħna f'dak li nitolbu, mela nafu wkoll li kull ma tlabnieh jinsab ġa għandna*" (1 Ġwanni 5:14-15).

It-talb ma jistax ikun ta' qawwa jew konvinċenti sakemm dan ma jġibx ir-rieda tal-bniedem f'għaqda mar-rieda Divina. Aħna ma nitolbux fi sforz biex nibdlu r-rieda ta' Alla, imma fi sforz biex inġibu r-rieda tagħna

fi qbil ma Tiegħu. L-iskop tat-talb mhuwiex li ngħawwġu r-rieda ta' Alla għal ma' tagħna, imma biex nelevaw ir-rieda tagħna għal Tiegħu.

Ġesù qal,

> "*U jekk titolbu xi ħaġa f'ismi jiena nagħmilha, biex il-Missier ikun igglorifikat permezz ta' Ibnu. Iva, jekk titolbuni xi ħaġa f'ismi, jiena nagħmilha*" (Ġw-anni 14:13-14).

> "*U f'dak il-jum xejn ma tistaqsuni. Tassew, tassew ngħidilkom, kull ma titolbu lill-Missier f'ismi jagħtihulkom*" (Ġwanni 16:23; ara wkoll Ġwanni 15: 16; 16:26; 1 Pietru 2:5).

Ġesù jikkondizzjona t-talb aċċettabbli fuq li nitolbu f'Ismu. Iżda kemm huwa żbaljat li xi ħadd jillimita din il-kondizzjoni għas-sempliċi repetizzjoni tal-kliem, "f'Isem Ġesù Kristu," billi b'mod laxk inżiduhom mat-talb tagħna. Ċertament, aħna għandna ngħidu dan il-kliem bl-aktar mod reverenti u bil-qalb meta nitolbu, imma dawn ma jagħmlux talba ħażina tajba, lanqas ma jibdlu xewqa mhux qaddisa għal waħda denja. Dawn mhumiex għajta rħisa biex tiftaħ il-bieb għalina għall-grazzja ta' Alla. Ma hemm ebda qawwa f'li sempliċiment ngħidu dan il-kliem. L-idea li d-dħul verbali ta' l-Isem ta' Kristu jikkawża lil Alla biex jagħti widen għat-talb tagħna hija assurda.

Li nitolbu f'Isem Kristu huwa li nkunu fi sħubija intima u fil-qrib ma' Kristu, li nagħrfu u li ngħixu per-

mezz tal-qdusija u l-awtorità suprema tar-rieda Tiegħu dwarna, li nqabblu r-rieda tagħna mar-rieda tiegħu. Il-Mulej iddikjara,

> "*L-awtorità kollha ngħatat lili fis-sema u fl-art*" (Mattew 28:18).

> "*Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu. Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. U l-kelma li qegħdin tisimgħu mhijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni*" (Ġwanni 14:23-24).

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej,' u mbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46).

Kull min iwarrab ir-rieda u l-awtorità ta' Kristu ma jistax possibbi-lment jitlob f'Ismu, għaliex l-Iskrittura tgħallem li l-ħajja Kristjana kollha għandha tkun taħt l-influwenza u l-padrunanza ta' Kristu. Il-Bibbja Mqaddsa tgħidilna, permezz ta' Pawlu,

> "*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Missier permezz tiegħu*" (Kolossin 3:17).

Li nitolbu f'Isem Kristu huwa li nagħrfu li Hu miet għalina, ħallas il-prezz tal-fidwa tagħna. Għalhekk huwa minħabba Fih u għall-merti Tiegħu li Alla jwieġeb it-talb tagħna. Kull talba li aħna nistgħu nagħmlu għal l-għaj-nuna ta' Alla permezz tat-talb fuq

il-bażi tagħna nfusna jew merti qatt ma titla' wisq 'il fuq. Meta aħna navvi-ċinaw lil Alla fit-talb f'Isem Kristu, aħna nagħmlu dan billi nirrealizzaw liKristu Hu l-uniku aċċess għall-grazzja tal-Missier. Meta nitolbu f'Isem Kristu, aħna nkunu qegħdin tabilħaqq nagħrfu li "*Ismu…hu fuq kull isem ieħor*" (Filippin 2:9).

Għalhekk, għandna dejjem nitolbu b'fidi u b'fiduċja qawwija f'Alla, ħalli Hu jagħti l-aħjar tweġiba għat-talb tagħna. Aħna qatt ma għandna nitilfu l-fiduċja tagħna fil-qawwa, fl-għerf u fl-imħabba ta' Alla lejna, jew niddu-bitaw li Alla mhuwiex qiegħed jisma' t-talb tagħna, ikunu xi jkunu t-tweġibiet li aħna nirċievu!

Ukoll, l-Ispirtu s-Santu u Kristu jgħinu t-talb ta' kull Kristjan billi jidħlu għalina (Rumani 8:26, 34; Lhud 4: 15-16; 7:25). Għajnuna bħal din, u l-għarfien tagħna ta-għha, tberikna bil-paċi u assigurazzjoni (Rumani 5:1-5).

Il-Kristjani wkoll għandhom skop (Ekkleżjażti 12: 13-14; Mattew 4:10; 22:37-39; Mark 16:15-16). Aħna neħtieġu l-għajnuna ta' Alla biex inwettqu dak l-iskop. M'għandniex naqtgħu qalbna (Salm 40:1; 2 Korintin 4:16-18). Aħna għandna nevitaw l-ansjetà (Mattew 6: 25-34).

Li nitolbu lil Alla bil-ħrara u nirringrazzjawh fit-talb jgħinna niksbu l-paċi li tisboq l-għarfien kollu. Pawlu jgħidilna:

> "*Tħabbtu raskom b'xejn. Fit-talb tagħkom itolbu u uru lil Alla xi jkollkom bżonn, iżżuh ħajr. U s-sliem ta' Alla, sliem li jgħaddi kull ma l-moħħ jista' jifhem, iżommilkom qalbkom u moħħkom sħaħ fi Kristu*" (Filippin 3: 6-7).

Alla ikkomunika magħna permezz tal-Kelma miktuba tiegħu, joffrilna grazzja u saħħa. Naqraw f'Atti 20:32 fejn l-appostlu Pawlu qal lill-presbiteri ta' Efesu:

> "*U issa nitlaqkom f'idejn Alla u l-kelma tal-grazzja tiegħu, dik il-kelma li għandha l-qawwa li tibnikom u tagħtikom sehemkom fost dawk li huma ikkonsagrati lilu.*" (ara wkoll 2 Korintin 1:3-4; 9:8; 2 Tessalonikin 2:16-17; 1 Pietru 5:10).

U issa bħala konklużjoni għall-konsiderazzjoni tagħna, ħalli neżaminaw serjament u sinċerament l-istatus tal-ħajja tagħna tat-talb. Qegħdin aħna nitolbu mingħajr waqfien f'kull ħin? Qegħdin aħna nitolbu bil-ħeġġa, sinċerament, bl-umiltà, u b'fiduċja sħiħa? Qegħdin aħna nitolbu għall-bnedmin kollha kullimkien, għall-għedewwa tagħna kif ukoll għall-ħbieb tagħna? Qegħdin aħna nitolbu għall-maħfra ta' dnubietna, infittxu l-maħfra ta' Alla? Qegħdin aħna nitolbu għall-bżonnijiet tagħna, spiritwali kif ukoll fiżiċi? Qegħdin aħna nitolbu b'radd il-ħajr, b'tifħir, u qima? Huwa t-talb tagħna ippreċedut minn ħajja li tirsisti biex issegwi l-passi ta' Kristu? Qe-għdin aħna nitolbu fl-Ispirtu, permezz ta' Ġesù Kristu, it-Triq, u l-Verità, u l-Ħajja? Qegħdin aħna nitolbu, nitol-bu, u nitolbu, mingħajr ma naqtgħu qalbna jew mingħajr ma aħna niddubitaw li Alla qiegħed jismagħna?

Permezz tat-talb, aħna nistgħu noffru t-tifħir tagħna lil Alla u niksbu ħafna minn Għandu. Għalhekk, aħna għan-dna nagħmlu t-talb parti kontinwa u maġġura tal-

ħajja ta' kuljum tagħna. Forsi l-Ewwel Tessalonikin 5:16-18 jgħid dan l-aħjar:

> "*Ifirħu dejjem, itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox. Dan hu li jrid Alla minn għandkom fi Kristu Ġesù.*"

> "*Il-grazzja ta' sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba t'Alla, u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (1 Korintin 13:14).